MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tad-9 ta' April, 2008

Numru 81/2001

PULIZIJA
SPETTUR JOSEPH AGIUS
VS
GUMMA MOHAMED MUFTAH AMHAMED

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata, Gumma Mohamed Muftah Amhamed, ta' 33 sena, iben Mohamed u Aisha, imwieled il-Libja fil-15 ta' Awissu 1974 u residenti fil-prezenti 'Brendon' Flat 2, Triq Gilju, St. Paul's Bay. Detentur ta' karta ta' l-Identita' bin-numru 22565(A).

U akkuzat talli; nahr is-17 ta' Jannar 2001, f'xi 6:05p.m. mill-inhawi ta' l-ajruport ta' Malta gewwa l-Gudja, ikkommetta serq ta' vettura bin-numru tar-registrattzjoni KAF 367 ghamla Fiat Punto ammontabbli ghal aktar minn Lm1000 ghad-dannu tal-Kummissarju tal-Pulizija, liema serq huwa aggravate bil-mezz, bl-ammont u bil-haga misruqa;

U akkuzat ukoll talli; fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi ma kienx awtorizzat li jittanta jnehhi, l-klampi li tqieghdu mar-roti ta’ vettura ta’ mutur bin-numru tar-registrazzjoni KAF 367 ghamla Fiat Punto, jew li ttanta, tnehha, jew nehha, vettura bil-mutur bil-klampi mqieghda mar-roti ta’ l-istess vettura;

U akkuzat ukoll talli; fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi f’Malta laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa mehuda b’qerq jew akkwist b’reat, sew jekk sar f’Malta jew barra minn Malta xjentement b’kull mod li jkun indahal biex tbieghhom jew tmexxihom.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-Artikli esebiti mill-Avukat Generali taht liema Atti din il-Qorti tista’ ssib .

Rat il-verbal tat-tnejn u gohxrin ta’ Novembru 2006 fejn l-imputat ma sabx oggezzjoni biex jigi ggudikat minn din il-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mil-provi prodotti mill-Ufficjal Prosekutur, Spettur Agius, (a fol.6 et seq.) jirrizulta illi l-karozza ta’ l-imputat registration number KAF 367 kienet giet ikklampjata fl-ajruport Internazzjonali ta Malta, fil-prezenta ta’ PC1046 u ta’ l-impjegat tal-kumpanija XTC Sandro Bonavia, fid-data indikata fic-citazzjoni. L-imputat hareg ftit wara u indirizza lill-istess Bonavia bil-kliem;

***“Kemm xtrajt gazzetta!”***

Jirrizulta illi ftit hin wara l-imputat qabad u nehha l-clamps, saq il-vettura tieghu u wara nofs siegha kien ga l-ghassa tal-pulizija ihallas il-multa tal-clamps.

Fl-istqarrija tieghu, Dok.JA a fol.9 dawn il-fatturi kollha gew ammessi mill-imputat.

PC1046, Farrugia, ikkonferma ix-xhieda ta' l-Ispettur Agius u gharaf l-imputat bhala s-sewwieq tal-karozza li kienet giet iklampjata mill-impjegat Sandro Bonavia fuq imsemmi.

Sandro Bonavia xehed illi huwa kien ikklampja il-karozza ta' l-imputat fid-data citata u li ftit wara sab il-clamps fuq il-bankina u l-karozza kienet sparrixiet.

Brian Farrugia a fol.26, xehed illi l-car CAF 367 tghajjat lil Marcelle Amhamed.

Spettur Agius a fol.28 ezebixxa DokJA2, sentenza u saret il-prova ta' l-identita' ta' l-imputat, mill-Ispettur Sandro Zarb a fol.32

Gie pprezentat il-passaport ta' l-imputat kif ukoll il-verifiki fuq l-ID ta' l-imputat minn PS222, Carter, a fol.112.

Ikkonsidrat;

Illi minkejja illi l-imputat gie mixli bl-akkuza ta' serq tal-vettura tieghu stess u ricettazzjoni ta' l-istess vettura, l-akkuza ta' serq giet sostitwita' ghall-akkuza ta' ricettazzjoni skond l-Artikli li gew mahruga mill-Avukat Generali. Fil-fehma ta' din il-Qorti kif ukoll mill-Gurisprudenza ta' l-Appell Kriminali jirrizulta illi l-fattispece tal-kas jinkwadra fl-akkuza ta' serq u mhux dik ta' ricettazzjoni.

Illi hekk intqal fil-fatt fis-sentenza ta' l-Appell Kriminali, deciza fis-26 ta' Awissu 1998, fl-ismijiet il-Puluzija vs. Anthony Borg Inguanez Per Onor. Imhallef Vincent De Gaetano; fejn gie tratta il-kuncett ta' serq ta' vettura min sidha stess meta si tratta ta' vettura kklampjata:

*'Fil-kaz ghalhekk ta' vettura <u>kklampjata</u>, dik il-vettura tkun giet, b'effett tal-volonta' cara tal-legislatur, imnehhija*

*temporanjament mill-libera disponibilita' tas-sid, fis-sens li qabel ma' s-sid ihallas id-dritt jew id-drittijiet dovuti, hu taht ebda cirkostanza, ma jista' jiehu lura dik il-vettura. Sakemm ma jithallasx dak id-dritt jew jithallsu dawk id-drittijiet, il-vettura ghandha titqies, ankorke' temporanjament, altrui ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi tas-serq b'mod li jekk is-sid taghha jaqbad u jehodha biex ikompli jgawdiha,* ***hu jkun qed jikkometti serq****. Huwa veru li r-regolamenti in kwistjoni (Avviz Legali 94/1997 dwar Ikklampjar u Tnehhiha ta' Oggetti ta' Ingombru fir-Regolamenti tat-Traffiku), in kwistjoni jipprovdu ghal reat specifiku ta' min jittanta jnehhi jew inehhi l-klampi li jkunu tqeghdu mar-roti, jew jittanta jnehhi jew inehhi l-vettura bil-klampi mqeghda mar-roti taghha (with clamped wheels fit-test Ingliz (Regolament 5 subinciz 1));* ***izda dan ir-regolament qed jikkontempla mhux l-ipotesi ta' min jippossessa ruhu mill-vettura biex jaghmel uzu minnha qua dominius (f'liema kaz kif diga' nghad jkun hemm is-serq), izda s-sitwazzjoni ta' min ibaghbas mal-klampi jew semplicement icaqlaq vettura bil-klampi mqeghda mar-roti minn post ghal iehor minghajr il-hsieb li jimpussessa ruhu minnha kif inghad;***

Illi ghaldaqstant din il-Qorti ma tistax issib lill-imputat hati ta' l-akkuza ta' ricettazzjoni.

Illi di piu, l-akkuzi ohra dedotti kontra l-imputat huma ta' natura kontrovenzjonali u jaqaw that l-Avviz Legali 94/1997 regolament 5 li ma jistghux jigu nvokati kontra s-sid tal-vettura.

Illi, apparti dana kollu jirrizulta ampjament illi il-prosekuzzjoni naqset illi tinnotifika lill-imputat mit-3 ta' Lulju 2001 sal-31 ta' Jannar 2002 f'liema data din il-Qorti hallit il-kawza sine die minhabba li l-imputat ma setghax jinstghab u kien suspettat mahrub minn Malta.

Illi l-emendi godda dwar il fatt li notifika ta' l-imputat fl-ewwel dehra tinterrompi il-preskrizzjoni ghal durata kollu tal-Process Legali fin-1991 kien ghadu mhux operattiv ghaldaqstant l-akkuzi l-ohra kontemplati fl-Artikli ta' l-

Avukat Generali taht SL65.13 mahrug fis-27 ta’ Gunju 1997 l-akkuzi ai termini ta’ Avviz Legali 94 tan-1997 u 192 tan-1999 huma preskritti skond il-Ligi.

Din il-Qorti ma tistax ma taghmilx accenn illi l-imputat kien hallas il-multa rigward il-‘clamping’ nofs siegha wara illi ha l-karozza tieghu.

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti issib l-imputat mhux hati ta’ l-akkuza ta’ ricettazzjoni, mhux hati ta’ l-akkuzi kontravvenzjonali ai termini ta’ l-Avizzi Legali 94 tan-1997 192 tan-1999 u SL65.13 tan-1997 stante preskrizzjoni u ghaldaqstant tilliberah mill-akkuzi kif dedotti kontra l-imputat fl-Artikli mahruga mill-Avukat Generali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------